



Ġabra tal-ġurisprudenza

Digriet tal-Qorti Ġeneral (Il-Ħames Awla) tat-3 ta' Settembru 2014 – Kēdainių rajono Okainių etvs Il-Kunsill u l-Kummissjoni

(Kawża T-386/13)

“Rikors għal annullament — Politika agrikola komuni — Skemi ta’ appoġġ direkt għal bdiewa — Awtorizzazzjoni għall-għoti ta’ pagamenti diretti nazzjonali kumplimentari fil-Litwanja għall-2012 — Terminu għall-preżentata ta’ rikors — Bidu tad-dekorrenza — Inammissibbiltà — Eċċeżżjoni ta’ illegalità”

1. *Rikors għal annullament — Termini — Natura ta’ ordni pubbliku — Eżami ex officio mill-qorti tal-Unjoni (Is-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġeneral, Artikolu 102(2)) (ara l-punti 27, 28)*
2. *Rikors għal annullament — Termini — Bidu tad-dekorrenza — Att la pubblikat u lanqas innotifikat lir-rikorrent — Għarfien precīz tal-kontenut u tal-motivi — Obbligu li jintalab it-test shiħi tal-att fterminu raġonevoli ladarba l-eżistenza tiegħi ssir magħrufa (Is-sitt paragrafu tal-Artikolu 26 TFUE) (ara l-punti 29-32)*
3. *Eċċeżżjoni ta’ illegalità — Natura inċidentali — Rikors prinċipali inammissibbli — Inammissibbiltà tal-eċċeżżjoni (Artikolu 277 TFUE) (ara l-punt 47)*

Suġġett

Minn naħħa waħda, talba għall-annullament tad-Deċiżjoni ta’ Implementazzjoni tal-Kummissjoni C (2012) 4391 finali, tat-2 ta’ Lulju 2012, li tawtorizza l-għoti ta’ pagamenti diretti nazzjonali kumplementari fil-Litwanja għall-2012 u, min-naħħa l-oħra, talba intiża sabiex tiġi kkonstatata l-illegalità parpjali tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009, tad-19 ta’ Jannar 2009, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta’ appoġġ direkt għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta’ appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitulu 3, Vol. 40, p. 269).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.

MT

- 2) Kédainių rajono Okainių ŽŪB u l-134 rikorrent ieħor li isimhom jidher fl-annej għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u mill-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Ir-Repubblika tal-Litwanja għandha tbat i-l-ispejjeż tagħha.